

Avviż tal-ESMA

Avviż tad-Deċiżjoni tal-ESMA dwar it-Tiġdid tal-Intervent fuq il-Prodott fir-rigward ta' opzjonijiet binarji

Fit-22 ta' Marzu 2019, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) adottat Deċiżjoni skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 ⁽¹⁾ li għedded il-projbizzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' opzjonijiet binarji lil klijenti mhux professjonali. Id-Deċiżjoni għedded id-Deċiżjoni tal-ESMA (UE) 2018/795 ⁽²⁾ dwar l-istess termini bħad-deċiżjonijiet preċedenti ta' tiġdid, id-Deċiżjoni tal-ESMA (UE) 2018/1466 ⁽³⁾ u d-Deċiżjoni tal-ESMA (UE) 2018/2064 ⁽⁴⁾.

F'konformità mal-Artikolu 40(5) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, dan l-Avviż jipprovdi dettalji tad-Deċiżjoni u ż-żmien minn meta l-miżura ser tieħu effett. It-test sħiħ tad-Deċiżjoni huwa ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Projbizzjoni fir-rigward ta' opzjonijiet binarji

It-termini ta' promulgazzjoni tad-Deċiżjoni jipprevedu:

Artikolu 1

Projbizzjoni temporanja dwar opzjonijiet binarji fir-rigward ta' klijenti mhux professjonali

1. Il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' opzjonijiet binarji lil klijenti mhux professjonali huma pprojbiti.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, irrispettivament minn jekk tiġix innegożjata f'ċentru tan-negożjar, opzjoni binarja hija derivattiva li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (UE) 2018/795 tat-22 ta' Mejju 2018 sabiex jiġu pprojbiti temporanjament il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ tal-opzjonijiet binarji lill-klijenti mhux professjonali fl-Unjoni skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 136, 1.6.2018, p. 31).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (UE) 2018/1466 tal-21 ta' Settembru 2018 li għedded u temenda l-projbizzjoni temporanja fid-Deċiżjoni (UE) 2018/795 dwar il-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ ta' opzjonijiet binarji lil klijenti mhux professjonali (ĠU L 245, 1.10.2018, p. 17).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (UE) 2018/2064 tal-14 ta' Diċembru 2018 li għedded il-projbizzjoni temporanja tal-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ tal-opzjonijiet binarji lill-klijenti mhux professjonali (ĠU L 329, 27.12.2018, p. 27).

- (a) is-saldu tagħha jrid isir fi flus kontanti jew jista' jsir fi flus kontanti fuq l-għażla ta' waħda mill-partijiet għajr minħabba inadempjenza jew avveniment ieħor ta' terminazzjoni;
- (b) hija tipprevedi biss flus fl-għeluq jew fl-iskadenza tagħha;
- (c) il-flus tagħha huwa limitat għal:
 - (i) ammont fiss predeterminat jew żero jekk is-sottostanti tad-derivattiva jissodisfa kundizzjoni predeterminata waħda jew aktar; u
 - (ii) ammont fiss predeterminat jew żero jekk is-sottostanti tad-derivattiva ma jissodisfax kundizzjoni predeterminata waħda jew aktar.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma tapplikax għal:

- (a) opzjoni binarja li għaliha l-ammont stabbilit predeterminat l-iktar baxx mit-tnejn huwa tal-inqas daqs il-flus totali li jsir minn klijent mhux professjonali għall-opzjoni binarja, inkluż kwalunkwe kummissjoni, tariffa ta' tranżazzjoni u spiża relatata oħra;
- (b) opzjoni binarja li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (i) it-terminu mill-ħruġ sal-maturità jkun tal-inqas 90 jum kalendarju;
 - (ii) prospett imfassal u approvat f'konformità mad-Direttiva 2003/71/KE ⁽⁵⁾ jkun disponibbli għall-pubbliku; u
 - (iii) l-opzjoni binarja ma tesponix lill-fornitur għar-riskju tas-suq matul it-terminu tal-opzjoni binarja u l-fornitur jew kalunkwe waħda mill-entità tal-grupp tiegħu ma jagħmlux profitt jew telf mill-opzjoni binarja, ħlief għal kummissjoni, tariffi ta' tranżazzjoni jew flusijiet relatati oħra żvelati preċedentement.

⁽⁵⁾ Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE, (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64).

Artikolu 2

Projbizzjoni tal-parteciċipazzjoni f'attivitajiet ta' evitar

Għandha tkun ipprojbta l-parteciċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jiġu evitati r-rekwiżiti fl-Artikolu 1, inkluż billi wieħed jaġixxi bħala sostitut għall-fornitur tal-opzjoni binarja.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-2 ta' April 2019 għal perjodu ta' tliet xhur.